MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 2050/1999/1

Kawza fil-lista:  35

**Joseph u Rose konjugi Bonnici bhala legittimi rapprezentanti ta' binthom minuri Nadia Bonnici li b' nota tat-3 ta' Mejju 2001 assumiet l-atti tal-kawza stante li saret maggjorenni**
**Vs**
**Noel Formosa u Stephanie Formosa**

**Il-Qorti,**

Rat il-kontro talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti li permezz taghha ppremettew u talbu hekk:

Premess illi waqt l-istanti Noel Formosa kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-marka Vauxhall bin-numru tar-registrazzjoni CAJ-337 go Hompesch Street, Fgura nhar is-6 ta' Awissu, 1998 Nadia Bonnici qabdet u qasmet it-triq minghajr ma osservat ir-regolamenti u b'hekk ikkawzat

diversi hsarat u danni fil-vettura tal-istanti Noel Formosa u dan kif jista jigi ippruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;

U premess illi l-istanti Noel Formosa garrab diversi hsarat li jammontaw ghal mitejn hamsa u erbghin lira u erbgha u tletin centezmu (Lm245.34) jew soma ohra verjuri, inqas jew izjed, kif jista jigi stabbilit fl-andament tal-kawza;

U premess illi dan l-incident gie ikkawzat minhabba nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti, imperizja, traskuragni u negligenza unikament da parti ta’ Nadia Bonnici;

U premess illi Joseph u Rose konjugi Bonnici huma l-legittimi rappresentanti ta’ binthom minuri Nadia Bonnici u ghalhekk ghandhom jaghmlu tajjeb ghal tali danni;

U premess illi minkejja li r-rikonvenzjonati konjugi Bonnici gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni dawn baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti rikonvenzjonati jew min minnhom prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara illi Nadia Bonnici hija responsabbli ghall-incident li sehh fis-6 ta’ Awissu, 1999;

2. Tiddikjara li r-rikonvenzjonati konjugi Bonnici huma responsabbli ghall-hlas tad-danni u hsarat li soffra l-istanti Noel Formosa bhala konsegwenza ta’ l-incident fuq indikat;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-istanti Noel Formosa fl-ammont ta’ mitejn hamsa u erbghin lira u erbgha u tletin centezmu (Lm245.34) jew somma ohra verjuri, anqas jew izjed u dan anke permezz ta’ l-opera ta’ periti nominandi;

4. Tikkundanna lir-rikonvenzjonati konjugi Bonnici jhallsu lill-istanti Noel Formosa u Stephanie Formosa l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax u l-ispejjez legali, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata ta' Marzu, 1999 kontra r-rikonvenzjonati konjugi Bonnici li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati li biha eccepew:

1. Preliminarjament illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex kompetenza ratione valoris stante illi kif stqarru l-istess konvenuti rikonvenjenti, il-kreditu pretiz minnhom ma jeccedix il-mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm250).

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-Qorti mhiex kompetenti minhabba lis alibi pendens ossia kawza ohra fuq l-istess oggett attwalment pendenti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Dok JB1).

3. Illi, minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-premess, l-incident gara unikament tort tal-konvenut rikonvenjenti, u l-istess konvenut ma sofriex id-danni minnu reklamati.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 2003, li permezz taghha gew michuda l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-atturi rikonvenzjonati, bir-riserva tal-ispejjez;
Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Mejju 2004 li biha gew decizi l-ewwel zewg talbiet tat-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti;
Rat li l-kawza thalliet ghad-data tallum ghas-sentenza fuq it-talbiet tlieta u erba' tal-istess kontro talba;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza precitata tal-25 ta' Mejju 2004 din il-Qorti kienet sabet lill-attrici Nadia Bonnici unikament responsabbli ghall-incident de quo li sehh fis-6 ta' Awissu 1999, kif ukoll ghall-konsegwenzjali hlas ta' danni sofferti mill-konvenuti rikonvenzjonanti fil-vettura taghhom registrata bin-numru CAJ-337.

Illi ghalhekk dan il-gudizzju huwa limitat ghat-talbiet tal-konvenuti ghall-likwidazzjoni ta' dawn id-danni u ghall-kundanna tal-attrici ghad-danni hekk likwidati.

Illi fil-kontro talba tieghu l-konvenut Noel Formosa ndika s-somma ta' Lm245.34, jew somma ohra verjuri, bhala d-danni reklamati minnu rizultat tal-incident. Din is-somma tirrapprezenta Lm235 hsarat fil-vettura, Lm3 spejjez tal-iskizz tal-pulizja u Lm8 spejjez tas-survey report[1].

Illi mill-provi jirrizulta li s-surveyor, Mark Micallef, kien ezamina l-vettura fuq rikjesta ta' Noel Formosa fl-10 ta' Awissu 1998, u kkonstata li kien hemm hsara fil-windscreen tal-vettura kif ukoll hsara fil-qoxra tal-bieba xellugija ta' quddiem.

Illi minn naha taghha l-attrici Nadia Bonnici qed topponi ghal dawn iz-zewg talbiet u ssostni li, ghalkemm il-vettura rifistilha bir-rota taghha l-pala ta' saqajha, hija ma laqtitx il-vettura. Fi kliema stess, mad-daqqa "sibtni bejn ir-rota, jiena waqaft u kont kalma, la missejt xi bonnet jew windscreen, xejn. …… Iva jiena naf zgur li r-rota biss laqtitni f' saqajja."[2] Hija cahdet li f' xi hin kienet giet fuq il-vettura.

Illi fit-trattazzjoni tieghu l-abbli difensur tal-atturi akkampa mal-fatt li fuq il-l-okkorrenza maghmula mill-pulizija kien hemm indikat biss il-windscreen bhala hsara, u ghalhekk, skond l-atturi, ma kienx minnu li rizultat tal-incident il-vettura garrbet hsara fil-bieba wkoll. Il-konvenut minn naha tieghu baqa' jsostni li l-hsara fil-vettura tieghu

---

[1] Report [fol.105]; Deposizzjoni Mark Micallef [fol.106-107]; Ricevuti [fols.117-125] u Ritratti [fols.112-113]
[2] Fols.93 u 96

konsegwenzjali ghall-incident kienet kif indikata fis-surveyor's report.

In propositu l-Qorti tosserva li, ghalkemm fir-rapport tal-pulizja redatt minn PS 710 Joseph Mangion, hemm indikat biss li l-vettura kienet garrbet hsara fil-windscreen u xejn aktar, jirrizulta pero mill-atti hadd mill-partijiet ma staqsieh domandi f' dan ir-rigward,[3] u dan apparti mill-fatt li s-surgent jidher li strah fuq li qalulu membri ohra tal-korp. Ghalhekk fil-fehema tal-Qorti, din il-prova f' dan ir-rigward, ghandha valur probatorju baxx hafna.

Ic-certifikat mediku prezentat mill-kuntistabbli Mangion rigwardanti l-ezami li kien sar fuq il-konvenuta Nadia Bonnici dak in-nhar stess fl-Isptar San Luqa jitkellem biss dwar il-ferita li din garrbet fl-ghaksa ta' saqajha xxellugija.[4] Izda dan ma jfissirx li, ghaliex Nadia Bonnici, ma garrbitx feriti ohra, dina ma laqtitx  il-vettura kif sostnut minnha.

Illi l-Qorti wara ezami tax-xhieda u, b' mod partikolari s-surveyor's report u r-ritratti esebiti a fols.112 u 113 tal-process hija tal-fehma li l-konvenut rikonvenzjonant ipprova l-kaz tieghu f'dan ir-rigward fuq bilanc ta' probabiltajiet.  Kif jihder mir-ritratti l-hsara fil-windsreen hija f' post li jigi qrib il-livell tal-minkeb tal-attrici Nadia Bonnici, u l-hsara fil-bieba tidher li hija livell mal-irkoppa taghha.  Dawn iz-zewg posizzjonijiet tal-hsara fil-vettura jaghtu konfort lill-versjoni tal-konvenut, li dawn il-hsarat huma konsegwenzjali ghall-incident.

Inoltre, jigi osservat li l-asserzjoni kategorika ta' l-imsemmija Nadia Bonnici, li mal-ghafsa tal-pala ta' saqajha bir-rota hija ma missitx mal-vettura, tinsab imdghajjfa bil-konsiderazzjoni li f' dak il-hin hija necessarjament kienet that shock mhux biss fiziku izda anke, u izjed, emozjonali li allura mhux improbabbli li hija ma assorbitx fil-menti taghha l-akkadut kollu kif gara.  L-incident gara f' temp ta' sekondi meta hija, ghalkemm esplorat it-triq, rat li ma kienux gejjin karrozzi. "ma kien gej

[3] Deposizzjonijiet Fols.98-99; u 175-176
[4] Fol.82 – Dok.EM

xejn u f' daqqa wahda tajritni karrozza, rifsitni bir-rota."[5] Cirkostanzi li zgur ghandhom jhallu lill-imgarrab b' qata' u shock momentaneju fuqu. Ghalhekk il-Qorti ssibha difficli taccetta, bhala korrispondenti ghal dak li gara fir-realta', li ftit sekondi wara l-incident Nadia Bonnici baqghet kalma mentalment kif sostnut minnha fix-xhieda taghha.

Inoltre, fix-xhieda taghha Rose Bonnici, omm l-attrici, tghid hekk "Malli mbaghad it-tifla waslet qisu sa nofs it-triq rajt karrozza tfegg minn warajha u smajt hoss u laqtet it-tifla. Jiena smajt daqqa."[6] Il-fatt li omm l-attrici semghet hoss ta' daqqa, jdghajjef it-tesi attrici li kull ma sehh kien li rota ta' karroza risfset il-pala tas-sieq, u tikkorrobora l-versjoni tal-konvenut li huwa ra lill-Nadia Bonnici mal-windscreen tal-vettura tieghu, bir-rizultat tal-hsarat li garrbet il-vettura.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-tielet u r-raba talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonant huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti fil-vettura taghhom fl-ammont ta' mitjen hamsa u erbghin lira maltin, u erba u tletin centezmu [Lm245.34] u tikkundanna lill-attrici Nadia Bonnici thallas lill-konvenuti din is-somma ta' Lm245.34c bl-imghax legali mill-4 ta' Frar 2000. Bl-ispejjez kollha a kairku tal-istess attrici rikonvenzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Fol.92
[6] Fol.80